# KOLLU GĦALXEJN!

*Sento serrarmi il cor, sento ch'al tutto*
*Consolarmi non so del mio destino.*

LEOPARDI

Naħbat nifraħ b'ħolm it-tama;
naħbat nieħu ftit tar-ruħ;
naħbat nibda nħobb il-ħajja;
naħbat ngħixha ta' żagħżugħ.

Naħbat ngħid bejni u bejn ruħi:
M'iniex jiena bħal l-oħrajn?
M'għandix moħħ u qalb ta' bniedem?
M'hix suriti wkoll mit-tajn?

Billi: x'jiswa? Bħal min jagħżaq
fl-ilma, jiġri lili wkoll;
bħal min jibni fuq ir-ramel;
bħal min jorbot biex iħoll!

Inħoss għafsa u dieqa f'sidri,
inħoss ħajti tmut kull ħin,
meta rrid, bla jirnexxili,
ngħix bħall-bqija tal-bnedmin.

Ma nieħux għan-nies li tgħidlek
li taf tħobb... u ttik bis-sieq;
jew trid tfarrġek... u taħarbek:
għamil faħxi, kliem qarrieq.

Xorti kiefra! Xorti mqita!
Infern tiegħi daw'l-jumejn!
Xtaqt nibdilhom kieku f'Ġenna.
Ma nistax: kollu għalxejn.

KARMENU VASSALLO

Nhar Santa Marija.